KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.3.2008
KUMM(2008) 157 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-28 ta'Settembru 2007 il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè (*the International Coffee Council* – ICC) adotta t-test ta' Ftehim ġdid ta' l-2007 li jieħu post tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001 li kien ġie estiż sat-30 ta' Settembru 2008.

Fid-diskussjonijiet dwar il-Ftehim, il-Komunità nnegozjat fuq il-bażi tal-mandat u d-direttivi għan-negozjati proposti mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill fid-29 ta' Jannar 2007.

Sal-lum, fid-dawl tad-diskussjonijiet u l-kontenut ta' l-istrument il-ġdid, li jirrifletti l-pożizzjoni li ħadet il-Komunità, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007 għandu jiġi ffirmat u l-istrument tal-konklużjoni tiegħu għandu jiġi ddepożitat fil-Kwartieri ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè (*International Coffee Organisation* – ICO) f'Londra, li kienu magħżula bħala d-Depożitarju permezz tar-Riżoluzzjoni ICO Nru 436 tal-25 ta' Jannar 2008.

Mil-lat legali, għandu jkun innotat li wara l-proposta tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Prodotti Bażiċi (*Commodities Working Group of the Council* – PROBA), f'Settembru 2007, il-Kunsill għaraf li l-għan ewlieni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007 kien li tibqa' tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-kummerċ tal-kafè, li taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità Ewropea. F'dan il-każ, il-Ftehim Internazzjonali ġdid dwar il-Kafè ta' l-2007 għandu jkun konkluż mill-Komunità Ewropea, skond l-Artikolu 133 tat-Trattat. .

L-iskadenza biex ikun iffirmat u ddepożitat l-istrument ta' aċċettazzjoni hi l-31 ta' Awissu 2008 u l-Kunsill hu għalhekk mitlub li jadotta din id-deċiżjoni qabel din l-iskadenza.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè approva t-test tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007 permezz tar-Riżoluzzjoni Nru 431 tat-28 ta' Settembru 2007;

(2) Dan il-Ftehim ġdid kien innegozjat biex jieħu post il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001 li ġie estiż sat-30 ta' Settembru 2008;

(3) Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007 hu miftuħ biex jiġi ffirmat u jiġu ddepożitati l-istrumenti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew approvazzjoni sal-31 ta' Awissu 2008;

(4) Il-Komunità hi membru tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001, kif ġie estiż u għaldaqstant hu fl-interess tal-Komunità li l-Ftehim li jieħu post dak ta' l-2001 ikun approvat,

IDDEĊIEDI KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2007 hu għaldaqstant approvat f'isem il-Komunità Ewropea. It-test ta' dan il-Ftehim hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu awtorizzat biex qabel il-31 ta' Awissu 2008 jaħtar il-persuna awtorizzata biex tiddepożita l-approvazzjoni f'isem il-Komunità.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President.

ANNESS

FTEHIM INTERNAZZJONALI DWAR il-KAFÈ ta' l-2007

WERREJ

Artikolu

Preambolu

KAPITOLU 1 – L-GĦANIJIET

1 L-għanijiet

KAPITOLU II ─ DEFINIZZJONIJIET

2 Id-definizzjonijiet

KAPITOLU III ─ IMPENNI ĠENERALI MILL-MEMBRI

3 L-impenni ġenerali mill-Membri

KAPITOLU IV ─ SĦUBIJA

4 Is-sħubija fl-Organizzazzjoni

5 Is-sħubija fi grupp

KAPITOLU V ─ L-ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-KAFÈ

6 Is-sede u l-istruttura ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè

7 Il-privileġġi u l-Immunitajiet

KAPITOLU VI ─ IL-KUNSILL INTERNAZZJONALI TAL-KAFÈ

8 Il-kompożizzjoni tal-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè

9 Il-poteri u l-funzjonijiet tal-Kunsill

10 Il-President u l-Viċi-President tal-Kunsill

11 Is-sessjonijiet tal-Kunsill

12 Il-voti

13 Il-proċedura tal-votazzjoni tal-Kunsill

14 Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill

15 Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħrajn

16 Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi

KAPITOLU VII ─ ID-DIRETTUR EŻEKUTTIV U L-PERSUNAL

17 Id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal

KAPITOLU VIII ─ FINANZI U AMMINISTRAZZJONI

18 Il-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni

19 Il-finanzi

20 Id-determinazzjoni tal-Baġit Amministrattiv u l-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet

21 Il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet
22 Il-passiv
23 Il-verifika u l-pubblikazzjoni tal-kotba
KAPITOLU IX – IL-PROMOZZJONI U L-IŻVILUPP TAS-SUQ
24 It-tneħħija ta' l-ostakoli għall-kummerċ u l-konsum
25 Il-promozzjoni u l-iżvilupp tas-suq
26 Il-miżuri relatati mal-kafè pproċessat
27 Taħlitiet u sostituti
KAPITOLU X – ATTIVITAJIET TA' PROĠETTI TA' L-ORGANIZZAZZJONI
28 L-iżvilupp u l-iffinanzjar tal-proġetti
KAPITOLU XI – IS-SETTUR PRIVAT TAL-KAFÈ
29 Il-Bord Konsultattiv tas-Settur Privat
30 Il-Konferenza Dinjija tal-Kafè
31 Il-Forum Konsultattiv dwar il-Finanzjament tas-Settur tal-Kafè
KAPITOLU XII – INFORMAZZJONI STATISTIKA, STUDJI U STĦARRIĠ
32 L-informazzjoni statistika
33 Iċ-ċertifikati ta' l-Oriġini
34 Studji, stħarriġ u rapporti
KAPITOLU XIII – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI
35 Preparazzjonijiet għal Ftehim ġdid
36 Settur sostenibbli tal-kafè
37 Standard ta' l-għajxien u kundizzjonijiet ta' xogħol
KAPITOLU XIV – KONSULTAZZJONIJIET, TILWIMIET U LMENTI
38 Il-konsultazzjonijiet
39 It-tilwimiet u l-ilmenti
KAPITOLU XV – DISPOŻIZZJONIJIET FINALI
40 Firma u ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni
41 L-applikazzjoni provviżorja
42 Id-dħul fis-seħħ
43 L-adeżjoni
44 Ir-riżervi
45 L-irtirar volontarju
46 L-esklużjoni
47 Il-ħlas tal-kontijiet mal-Membri li jirtiraw jew li huma esklużi

48 Dewmien, estensjoni u terminazzjoni

49 Emenda

50 Dispożizzjoni supplementarja u tranżitorja

51 It-testijiet awtentiċi tal-Ftehim

Anness **Fatturi tal-konverżjoni għall-kafè mixwi, dekaffeinat, likwidu u solubbli kif definit fil-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ta' l-2001.**

FTEHIM INTERNAZZJONALI DWAR IL-KAFÈ ta' l-2007

Preambolu

Il-Gvernijiet li huma Parti għal dan il-Ftehim,

Filwaqt li jagħrfu l-importanza eċċezzjonali tal-kafè għall-ekonomiji ta' pajjiżi li huma għall-parti l-kbira dipendenti fuq dan il-prodott bażiku għall-qliegħ mill-esportazzjoni u għall-kisba ta' l-għanijiet soċjali u ta' żvilupp ekonomiku tagħhom;

Filwaqt li jagħrfu l-importanza tas-settur tal-kafè għall-għajxien ta' miljuni ta' nies, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u filwaqt li jiftakru li f'bosta minn dawn il-pajjiżi l-produzzjoni hija fuq irziezet tal-familji fuq skala żgħira;

Filwaqt li jagħrfu l-kontribuzzjoni ta' settur sostenibbli tal-kafè għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp miftiehma internazzjonalment, inklużi l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millenju (*Millennium Development Goals* – MDGs), b'mod partikolari fir-rigward ta' l-eradikazzjoni tal-faqar;

Filwaqt li jagħrfu l-ħtieġa li jiġi inkoraġġut l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-kafè, li jwassal għal impjiegi u dħul aħjar, u għal standards ta' l-għajxien u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fil-pajjiżi Membri;

Filwaqt li jqisu li l-kooperazzjoni internazzjonali mill-qrib dwar kwistjonijiet tal-kafè, inkluż il-kummerċ internazzjonali, tista' tinkoraġġixxi settur tal-kafè globali ekonomikament diversifikat, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi li jipproduċuh, l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-kafè u l-konsum, u relazzjonijiet imtejba bejn il-pajjiżi li jesportaw il-kafè u dawk li jimportawh;

Filwaqt li jqisu li l-kollaborazzjoni bejn il-Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, is-settur privat u l-partijiet interessati l-oħrajn kollha tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur tal-kafè;

Filwaqt li jagħrfu li l-aċċess akbar għall-informazzjoni dwar il-kafè u strateġiji ta' l-immaniġġjar tar-riskju bbażati fis-suq jistgħu jgħinu biex jiġi evitati l-iżbilanċi fil-produzzjoni u l-konsum tal-kafè li jistgħu jwasslu għal volatilità distinta tas-suq li tista' tagħmel il-ħsara kemm lill-produtturi kif ukoll lill-konsumaturi; u

Filwaqt li jinnutaw il-vantaġġi derivati mill-kooperazzjoni internazzjonali li rriżultat mill-ħidma tal-Ftehimiet Internazzjonali tal-Kafè 1962, 1968, 1976, 1983, 1994 u 2001,

Ftiehmu kif ġej:

KAPTOLU I – L-GĦANIJIET

Artikolu 1

L-għanijiet

L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jsaħħaħ is-settur globali tal-kafè u jippromwovi l-espansjoni sostenibbli f'ambjent ibbażat fuq is-suq għat-titjib tal-parteċipanti kollha fis-settur, billi:

(1) tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet tal-kafè;

(2) jitwaqqaf forum għall-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet tal-kafè fost il-gvernijiet, u mas-settur privat;

(3) il-membri jiġu mħeġġa jiżviluppaw settur sostenibbli tal-kafè f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(4) jiġi pprovdut forum għal konsultazzjonijiet li jfittxu ftehim fir-rigward ta' kundizzjonijiet strutturali fis-swieq internazzjonali u tendenzi fiż-żmien twil fil-produzzjoni u l-konsum li jibbilanċjaw il-provvista u d-domanda, u li jirriżultaw fi prezzijiet li huma ġusti kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-produtturi;

(5) tiġi iffaċilitata l-espansjoni u t-trasparenza tal-kummerċ internazzjonali fit-tipi u l-forom kollha tal-kafè, u l-promozzjoni ta' l-eliminazzjoni ta' l-ostakoli għall-kummerċ;

(6) tinġabar, tixxerred u tiġi ppubblikata informazzjoni ekonomika, teknika u xjentifika, statistika u studji kif ukoll ir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp fi kwistjonijiet tal-kafè;

(7) jiġi promoss l-iżvilupp tal-konsum u s-swieq għat-tipi u l-forom kollha tal-kafè, inkluż fil-pajjiżi li jipproduċu l-kafè;

(8) jiġi żviluppat, jiġi vvalutat u jiġu mfittxija l-finanzi għal proġetti li jibbenefikaw lill-Membri u lill-ekonomija dinjija tal-kafè;

(9) tkun promossa l-kwalità tal-kafè bl-għan li jitjieb is-sodisfazzjon tal-konsumatur u l-benefiċċji għall-produtturi;

(10) il-Membri jiġu mħeġġa jiżviluppaw proċeduri xierqa dwar is-sigurtà ta' l-ikel fis-settur tal-kafè;

(11) ikunu promossi programmi ta' taħriġ u informazzjoni ddiżinjati li jiġi assistit it-trasferiment lill-Membri tat-teknoloġija rilevanti għall-kafè;

(12) il-membri jiġu mħeġġa jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji biex itejbu l-kapaċità tal-komunitajiet lokali u l-bdiewa fuq skala żgħira li jibbenefikaw mill-produzzjoni tal-kafè, li tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar; u

(13) tkun iffaċilitata d-disponibbiltà ta' l-informazzjoni dwar għodda u servizzi finanzjarji li jistgħu jgħinu lill-produtturi tal-kafè, inkluż aċċess għall-kreditu u metodi ta' l-immaniġġjar tar-riskju.

KAPITOLU II – DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim:

(1) *Kafè* tfisser i¿-¿erriegħa u ċ-ċirasa tas-siġra tal-kafè, kemm jekk parċmina, ħodor jew mixwija, u tinkludi kafè miṫun, dekaffeinat, likwidu u solubbli. Il-Kunsill għandu, mill-aktar fis possibbli wara li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, u mill-ġdid f'intervalli ta' tliet snin, jirrevedi l-fatturi ta' konver¿joni għat-tipi ta' kafè elenkati fis-subparagrafi (d), (e), (f) u (g) hawn taħt. Wara dan l-istħarriġ il-Kunsill għandu jiddetermina u jippubblika fatturi xierqa tal-konver¿joni. Qabel l-istħarriġ inizjali, u jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jilħaq deċi¿joni dwar din il-kwistjoni, il-fatturi tal-konver¿joni għandhom ikunu dawk u¿ati fil-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2001, li huma elenkati fl-Anness ta' dan il-Ftehim. Bla ħsara għal dawn id-dispo¿izzjonijiet, it-termini elenkati hawn taħt għandu jkollhom it-tifsira li ġejja:

(a) *kafè aħdar* tfisser il-kafè kollu fil-forma taż-żerriegħa għerja qabel ma tinxtewa;

(b) *ċirasa tal-kafè mnixxfa* tfisser il-frotta mnixxfa tas-siġra tal-kafè; biex issib l-ekwivalenti taċ-ċirasa tal-kafè mnixxfa għall-kafè aħdar, immultiplika l-piż nett taċ-ċirasa tal-kafè mnixxfa b'0.50;

(c) *kafè parċmina* tfisser iż-żerriegħa ħadra li tinsab fil-ġilda tal-parċmina; biex issib l-ekwivalenti tal-kafè parċmina coffee għall-kafè aħdar, immultiplika l-piż nett tal-kafè parċmina b'0.80;

(d) *kafè mixwi tfisser* kafè aħdar mixwi għal kwalunkwe grad u jinkludi l-kafè miṫun;

(e) *kafè dekaffeinat* tfisser kafè aħdar, mixwi jew solubbli li minnu tneħħiet il-kaffeina;

(f) *kafè likwidu tfisser* is-solidi solubbli fl-ilma dderivati mill-kafè miṫun u mqiegħda f'forma likwida;

(g) *kafè solubbli tfisser* is-solidi mnixxfa solubbli fl-ilma dderivati mill-kafè mixwi.

(2) *Bor¿a* tfisser 60 kilogramma jew 132.276 libbra ta' kafè aħdar; *tunnellata* tfisser massa ta' 1,000 kilogramma jew 2,204.6 libbra; u *libbra* tfisser 453.597 gramma.

(3) *Sena tal-kafè* tfisser il-perjodu ta' sena, mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru.

(4) *Organizzazzjoni* u Kunsill ifissru, rispettivament, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè u l-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè.

(5) *Parti Kontraenti* tfisser Gvern, il-Komunità Ewropea, jew kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattivi msemmija fl-Artikolu 4(3) li ddepo¿ita(t) strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew notifika ta' applikazzjoni provvi¿orja ta' dan il-Ftehim skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikoli 40, 41 u 42 jew li aderixxa/iet għalih skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 43.

(6) *Membru* tfisser Parti Kontraenti.

(7) *Membru li jesporta* jew *pajji¿ li jesporta* tfisser Membru jew pajji¿, rispettivament, li huwa esportatur nett tal-kafè; jiġifieri Membru jew pajji¿ li l-esportazzjoni tiegħu teċċedi l-importazzjoni.

(8) *Membru li jimporta* jew *pajji¿ li jimporta* tfisser Membru jew pajji¿, rispettivament, li huwa importatur nett tal-kafè; jiġifieri Membru jew pajji¿ li l-importazzjoni tiegħu teċċedi l-esportazzjoni.

(9) *Vot tal-maġġoranza distribwit* tfisser vot li jeħtieġ 70% jew aktar mill-voti tal-Membri li jivvotaw, li huma pre¿enti u li qed jivvotaw u 70% jew aktar tal-voti tal-Membri li jimportaw, li huma pre¿enti u li qed jivvotaw, magħduda separatament.

(10) Depo¿itarju tfisser l-organizzazzjoni intergovernattivi jew Parti Kontraenti għall-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2001 indikat mid-deċi¿joni tal-Kunsill taħt il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2001, li għandha tittieħed b'kunsens ġenerali qabel l-31 ta' Jannar 2008. Din id-deċi¿joni għandha tifforma parti integrali minn dan il-Ftehim.

KAPITOLU III – IMPENNI ĠENERALI MILL-MEMBRI

Artikolu 3

Impenni ġenerali mill-Membri

(1) Il-Membri jintrabtu li jadottaw dawk il-mi¿uri meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom taħt dan il-Ftehim u jikkooperaw għal kollox ma' xulxin biex ji¿guraw il-kisba ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim; b'mod partikolari, il-Membri jintrabtu li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiffaċilitaw il-ħidma ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-Membri jagħrfu li ċ-Ċertifikati ta' l-Oriġini huma għejun importanti ta' informazzjoni dwar il-kummerċ tal-kafè. Il-Membri li Jesportaw, għalhekk, jassumu r-responsabblità biex ji¿guraw il-ħruġ u l-u¿u xierqa taċ-Ċertifikati ta' l-Oriġini skond ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill.

(3) Il-Membri jagħrfu wkoll li l-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet mill-ġdid hija wkoll importanti għall-anali¿i xierqa ta' l-ekonomija dinjija tal-kafè. Għalhekk il-Membri li jimportaw jintrabtu li jipprovdu informazzjoni regolari u preċi¿a dwar l-esportazzjonijiet mill-ġdid, fil-forma u fil-mod iddeterminat mill-Kunsill.

KAPITOLU IV – SĦUBIJA

Artikolu 4

Is-sħubija fl-Organizzazzjoni

(1) Kull Parti Kontraenti għandha tikkostitwixxi Membru uniku ta' l-Organizzazzjoni.

(2) Membru jista' jibdel il-kategorija ta' l-isħubija tiegħu f'dawk il-kundizzjonijiet li jista' jiftiehem il-Kunsill.

(3) Kwalunkwe riferenza f'dan il-Ftehim għal Gvern għandha tinftiehem li tinkludi lill-Komunità Ewropea u lil kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattivi li għandha l-

kompetenza esklussiva fir-rigward tan-negozjar, il-konklu¿joni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Is-sħubija fi grupp

Żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar jistgħu, b'notifika xierqa lill-Kunsill u lid-Depożitarju, li tidħol fis-seħħ minn data li għandha tiġi speċifikata mill-Partijiet Kontraenti kkonċernati, u fuq kundizzjonijiet li jaqbel magħhom il-Kunsill, jiddikjaraw li qed jieħdu sehem fl-Organizzazzjoni bħala grupp ta' Membri.

KAPITOLU V – L-ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-KAFÈ

Artikolu 6

Il-post u l-istruttura ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè

(1) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè stabbilita taħt il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè ta' l-1962 għandha tkompli te¿isti biex tamministra d-dispo¿izzjonijiet u tissorvelja l-operat ta' dan il-Ftehim.

(2) Is-sede ta' l-Organizzazzjoni għandu tkun f'Londra kemm-il darba l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

(3) L-ogħla awtorità ta' l-Organizzazzjoni għandha tkun il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè. Il-Kunsill għandu jkun assistit kif xieraq mill-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni, il-Kumitat tal-Promozzjoni u l-I¿vilupp tas-Suq u l-Kumitat dwar il-Proġetti. Il-Kunsill għandu wkoll jingħata pariri mill-Bord Konsultattiv dwar is-Settur Privat, il-Konferenza Dinjija tal-Kafè u l-Forum Konsultattiv dwar il-Finanzjament tas-Settur tal-Kafè.

Artikolu 7

Il-privileġġi u l-Immunitajiet

(1) L-Organizzazzjoni għandu jkollha personalità legali. Għandha b'mod partikolari jkollha l-kapaċità li tikkuntratta, takkwista u tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u li tressaq proċeduri legali.

(2) L-istat, il-privileġġi u l-immuntiajiet ta' l-Organizzazzjoni, tad-Direttur E¿ekuttiv tagħha, il-persunal u l-esperti tagħha, u tar-rappre¿entanti tal-Membri meta jinsabu fit-territorju tal-pajji¿ li jospita għall-iskopijiet ta' l-e¿erċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, għandhom ikunu rregolati minn Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali konklu¿ bejn il-Gvern li jospita u l-Organizzazzjoni.

(3) Il-Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali msemmi fil-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu għandu jkun indipendenti minn dan il-Ftehim. I¿da għandu jintemm:

(a) bi ftehim bejn il-Gvern li jospita u l-Organizzazzjoni;

(b) fil-każ li l-kwartieri ta' l-Organizzazzjoni jiċċaqalqu mit-territorju tal-Gvern li jospita; jew

(c) fil-każ li l-Organizzazzjoni tieqaf teżisti.

(4) L-Organizzazzjoni tista' tikkonkludi ma' Membru wieħed jew aktar ftehimiet li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill dwar dawk il-privileġġi u immunitajiet li jistgħu jkunu neċessarji għat-tħaddim tajjeb ta' dan il-Ftehim.

(5) Il-Gvernijiet tal-pajji¿i Membri minbarra l-Gvern li jospita għandhom jagħtu lill-Organizzazzjoni l-istess faċilitajiet fir-rigward ta' restrizzjonijiet dwar munita jew skambju, ¿amma tal-kontijiet fil-bank, u trasferiment ta' flus, kif jingħataw lill-aġenziji speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti.

KAPITOLU VI – IL-KUNSILL INTERNAZZJONALI TAL-KAFÈ

Artikolu 8

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè

(1) Il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè għandu jikkonsisti mill-Membri kollha ta' l-Organizzazzjoni.

(2) Kull Membru għandu jaħtar rappre¿entant wieħed fuq il-Kunsill u, jekk jixtieq, sostitut wieħed jew aktar. Membru jista' wkoll jaħtar konsulent wieħed jew aktar għar-rappre¿entant jew sostituti tiegħu.

Artikolu 9

Il-poteri u l-funzjonijiet tal-Kunsill

(1) Il-poteri kollha speċifikament mogħtija minn dan il-Ftehim għandhom ikunu vestiti fil-Kunsill, li għandu jwettaq il-funzjonijiet neċessarji biex iwettaq id-dispo¿izzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-Kunsill jista' jistabbilixxi u jxolji Kumitati u korpi sussidjarji, kif xieraq, barra minn dawk provduti fl-Artikolu 6(3).

(3) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi dawk ir-regoli u r-regolamenti, inklu¿i r-regoli tal-proċedura tiegħu stess u r-regolamenti finanzjarji u tal-persunal ta' l-Organizzazzjoni, li huma meħtieġa biex jitwettqu d-dispo¿izzjonijiet ta' dan il-Ftehim u li huma konsistenti miegħu. Il-Kunsill jista', fir-regoli tal-proċedura tiegħu, jipprovdi l-mezzi li bihom jista', mingħajr ma jiltaqa', jiddeċiedi kwistjonijiet speċifiċi.

(4) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi fuq ba¿i regolari pjan ta' azzjoni strateġiku biex jiggwida xogħlu u jidentifika l-prijoritajiet, inklu¿i l-prijoritajiet għall-attivitajiet ta' proġetti mibdija skond l-Artikolu 28 u studji, stħarriġ u rapporti mibdija skond l-Artikolu 34. Il-prijoritajiet identifikati fil-pjan ta' azzjoni għandhom ikunu riflessi fil-programmi ta' ħidma annwali approvati mill-Kunsill.

(5) Il-Kunsill għandu wkoll i¿omm ir-rekords meħtieġa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu skond dan il-Ftehim u rekords oħrajn li jqis li huma mixtieqa.

Artikolu 10

Il-President u l-Viċi-President tal-Kunsill

(1) Il-Kunsill għandu jeleġġi, għal kull sena tal-kafè, President u Viċi-President li m'għandhomx jitħallsu mill-Organizzazzjoni.

(2) Il-President għandu jiġi elett jew minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri li jesportaw jew minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri li jimportaw, u l-Viċi-President għandu jiġi elett minn fost ir-rappreżentanti tal-kategorija l-oħra ta' Membru. Dawn il-poċizzjonijiet għandhom jalternaw kull sena tal-kafè bejn iċ-ċewġ kategoriji ta' Membru.

(3) La l-President u lanqas il-Viċi-President li jaġixxi bħala President m'għandu jkollhom id-dritt li jivvotaw. Is-sostitut tiegħu jew tagħha għandu f'dan il-każ jeċerċita d-dritt tal-votazzjoni tal-Membru.

Artikolu 11

Is-sessjonijiet tal-Kunsill

(1) Il-Kunsill għandu jagħmel ċewġ sessjonijiet regolari fis-sena u, jekk jiddeċiedi, sessjonijiet speċjali. Jista' jagħmel sessjonijiet speċjali fuq talba ta' kwalunkwe għaxar Membri. L-avviċ dwar is-sessjonijiet għandu jingħata għall-inqas 30 jum minn qabel ħlief fil-każijiet ta' emerġenza meta dan l-avviċ għandu jingħata għall-inqas għaxart ijiem minn qabel.

(2) Is-sessjonijiet għandhom isiru fis-sede ta' l-Organizzazzjoni, kemm-il darba l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor. Jekk Membru jistieden lill-Kunsill jiltaqa' fit-territorju tiegħu, u l-Kunsill jaqbel, l-ispejjeċ addizzjonali involuti għall-Organizzazzjoni li jkunu akbar minn dawk magħmula meta s-sessjoni ssir fis-sede jitħallsu minn dak il-Membru.

(3) Il-Kunsill jista' jistieden lil kwalunkwe pajjiċ mhux membru jew kwalunkwe mill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 15 u 16 jattendu kwalunkwe mis-sessjonijiet tiegħu bħala osservatur. F'kull sessjoni, il-Kunsill jista' jiddeċiedi dwar l-ammissjoni ta' l-osservaturi.

(4) Il-kworum meħtieġ biex sessjoni tal-Kunsill tieħu d-deċiżjonijiet għandu jkun il-preżenza ta' aktar min-nofs in-numru ta' Membri li jesportaw u li jimportaw li jirrappreżentaw rispettivament għall-inqas ċewġ terzi tal-voti għal kull kategorija. Jekk mal-ftuħ ta' sessjoni tal-Kunsill jew ta' kwalunkwe laqgħa plenarja ma jkun hemm ebda kworum, il-President għandu jipposponi l-ftuħ tas-sessjoni jew tal-laqgħa plenarja għall-inqas għal sagħtejn. Jekk xorta ma jkunx għad hemm kworum fil-ħin il-ġdid stabbilit, il-President jista' jerġa' jipposponi l-ftuħ tas-sessjoni jew laqgħa plenarja għall-inqas għal sagħtejn oħra. Jekk fl-aħħar ta' dan il-posponiment il-ġdid ma jkunx għad hemm kworum, il-kwistjoni fuq liema huma meħtieġa d-deċiżjonijiet għandha tkun differita għas-sessjoni li jmiss tal-Kunsill.

Artikolu 12

Il-voti

(1) Il-Membri li jesportaw għandhom flimkien ikollhom 1,000 vot u l-Membri li jimportaw għandhom flimkien ikollhom 1,000 vot, imqassma f'kull kategorija ta'

Membru – jiġifieri l-Membri li jesportaw u dawk li jimportaw, rispettivament – kif provdut fil-paragrafi li ġejjin ta' dan l-Artikolu.

(2) Kull Membru għandu jkollu ħames voti ba¿iċi.

(3) Il-bqija tal-voti tal-Membri li jesportaw għandhom jitqassmu fost dawk il-Membri bi proporzjon tal-medja tal-volum ta' l-esportazzjonijiet rispettivi tagħhom tal-kafè lid-destinazzjonijiet kollha fl-erba' snin tal-kalendarju ta' qabel.

(4) Il-bqija tal-voti tal-Membri li jimportaw għandhom jitqassmu fost dawk il-Membri bi proporzjon tal-medja tal-volum ta' l-importazzjonijiet rispettivi tagħhom tal-kafè kollha fl-erba' snin tal-kalendarju ta' qabel.

(5) Il-Komunità Ewropea jew kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva kif definita fl-Artikolu 4(3) għandu jkollha voti daqs Membru wieħed; għandu jkollha ħames voti ba¿iċi u voti addizzjonali bi proporzjon għall-volum medju ta' importazzjonijiet jew esportazzjonijiet tal-kafè tagħhom, fl-erba' snin tal-kalendarju ta' qabel.

(6) Id-distribuzzjoni tal-voti għandha tkun iddeterminata mill-Kunsill skond id-dispo¿izzjonijiet ta' dan l-Artikolu fil-bidu ta' kull sena tal-kafè u għandha tibqa' fis-seħħ tul dik is-sena, ħlief kif provdut fil-paragrafu (7) ta' dan l-Artikolu.

(7) Il-Kunsill għandu jipprovdi għad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-voti skond id-dispo¿izzjonijiet ta' dan l-Artikolu kull meta jkun hemm tibdil fl-isħubija ta' l-Organizzazzjoni jew jekk id-drittijiet tal-votazzjoni ta' Membru jkunu sospi¿i jew miksuba mill-ġdid skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 21.

(8) L-ebda Membru m'għandu jkollu ¿ewġ terzi jew aktar mill-voti fil-kategorija tiegħu.

(9) M'għandu jkun hemm ebda voti frazzjonali.

Artikolu 13

Il-proċedura tal-votazzjoni tal-Kunsill

(1) Kull Membru għandu jkun intitolat li jitfa' n-numru ta' voti li għandu u m'għandux ikun intitolat jaqsam il-voti tiegħu. I¿da, Membri jista' jitfa' b'mod differenti kwalunkwe vot li għandu taħt id-dispo¿izzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu.

(2) Kwalunkwe Membru li jesporta jista' jawtorizza bil-miktub lil kwalunkwe Membru ieħor li jesporta u kwalunkwe Membru li jimporta jista' jawtorizza bil-miktub lil kwalunkwe Membru ieħor li jimporta, biex jirrappre¿enta l-interessi tiegħu u je¿erċita d-dritt tiegħu li jivvota fi kwalunkwe laqgħa jew laqgħat tal-Kunsill.

Artikolu 14

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill

(1) Il-Kunsill għandu jipprova jieħu d-deċi¿jonijiet kollha u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha b'kunsens ġenerali. Jekk ma jistax jintlaħaq il-kunsens ġenerali, il-Kunsill għandu jieħu d-deċi¿jonijiet u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet b'vot ta' maġġoranza distribwita ta' 70% jew aktar tal-Membri li jesportaw, li huma pre¿enti u li jivvotaw, u 70% jew aktar tal-Membri li jimportaw, li huma pre¿enti u li jivvotaw, magħduda separatament.

(2) Għandha tgħodd din il-proċedura fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni mill-Kunsill meħuda b'vot ta' maġġoranza distribwita:

(a) jekk ma jinkisibx vot ta' maġġoranza distribwita minħabba l-vot negattiv ta' tliet pajjiżi li jesportaw jew inqas, jew tliet pajjiżi li jimportaw jew inqas, il-proposta għandha, jekk il-Kunsill jiddeċiedi b'maġġoranza tal-Membri preżenti, terġa' titressaq għall-votazzjoni fi żmien 48 siegħa; u

(b) jekk jerġa' ma jinkisibx vot ta' maġġoranza distribwita, il-proposta għandha titqies mhux approvata.

(3) Il-Membri jintrabtu li jaċċettaw bħala li jorbtu d-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 15

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħrajn

(1) Il-Kunsill jista' jagħmel arranġamenti għall-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha; ma' organizzazzjiet intergovernattivi oħrajn xierqa; u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti. Għandu jieħu vantaġġ sħiħ tal-faċilitajiet tal-Fond Komuni għall-Prodotti Bażiċi u għejun oħrajn ta' Finanzjament. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkludu arranġamenti finanzjarji li l-Kunsill iqis xierqa biex jikseb l-għanijiet tal-Ftehim. Madankollu, fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe proġett taħt dawn l-arranġamenti, l-Organizzazzjoni m'għandhiex tidħol f'obbligi finanzjarji għall-garanziji mogħtija minn Membri individwali jew entitajiet oħrajn. Ebda Membru ma għandu jkun responsabbli minħabba l-isħubija tiegħu fl-Organizzazzjoni għal xi responsabblità li tirriżulta mit-teħid jew mill-għoti ta' self minn Membru ieħor jew entità oħrajn b'konnessjoni ma' dawn il-proġetti.

(2) Fejn possibbli, l-Organizzazzjoni tista' wkoll tiġbor mill-Membri, non-Membri u minn aġenziji donaturi u oħrajn, informazzjoni dwar il-proġetti u l-programmi ta' l-iżvilupp li jiffokaw fuq is-settur tal-kafè. Fejn xieraq, u bi ftehim mal-partijiet ikkonċernati, l-Organizzazzjoni tista' tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għal dawn l-organizzazjonijiet l-oħrajn kif ukoll għall-Membri.

Artikolu 16

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi

Fit-twettiq ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, l-Organizzazzjoni tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 15, 29, 30 u 31, tistabbilixxi u ssaħħaħ attivitajiet kooperattivi ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi xierqa li għandhom għarfien espert f'aspetti rilevanti tas-settur tal-kafè u ma' esperti oħrajn fi kwistjonijiet tal-kafè.

KAPITOLU VII – ID-DIRETTUR EŻEKUTTIV U L-PERSUNAL

Artikolu 17

Id-Direttur Eżekuttiv u l-persunal

(1) Il-Kunsill għandu jaħtar id-Direttur E¿ekuttiv. It-termini tal-ħatra tad-Direttur E¿ekuttiv għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill u għandhom ikunu paragunabbli ma' dawk li jgħoddu għall-uffiċjali korrispondenti ta' organizzazzjonijiet simili intergovernattivi.

(2) Id-Direttur E¿ekuttiv għandu jkun l-uffiċjal amministrattiv ewlieni ta' l-Organizzazzjoni u għandu jkun responsabbli għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir li jaqa' fuqu fl-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim.

(3) Id-Direttur E¿ekuttiv għandu jaħtar lill-persunal ta' l-Organizzazzjoni skond ir-regolamenti stabbiliti mill-Kunsill.

(4) La d-Direttur E¿ekuttiv u lanqas xi membru tal-persunal ma għandu jkollu xi interess finanzjarju fl-industrija tal-kafè, fil-kummerċ tal-kafè jew fit-trasport tal-kafè.

(5) Fit-twettiq ta' dmirijiethom, id-Direttur E¿ekuttiv u l-persunal m'għandhomx jitolbu jew jirċievu istruzzjonijiet minn xi Membru jew minn xi awtorità oħra li hija esterna għall-Organizzazzjoni. Għandhom jidde¿istu minn kwalunkwe azzjoni li tista' tirrifletti fuq il-po¿izzjoni tagħhom bħala uffiċjali responsabbli biss lejn l-Organizzazzjoni. Kull Membru jintrabat li jirrispetta l-karattru internazzjonali esklussiv tar-responsabbiltajiet tad-Direttur E¿ekuttiv u tal-persunal u mhux li jinfluwenzahom fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom.

KAPITOLU VIII – IL-FINANZI U L-AMMINISTRAZZJONI

Artikolu 18

Il-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni

Għandu jiġi stabbilit Kumitat dwar il-Finanzi u l-Amministrazzjoni. Il-Kunsill għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u l-mandat tiegħu. Dan il-Kumitat għandu jkun responsabbli li jissorvelja l-Baġit Amministrattiv li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni, u li jwettaq kwalunkwe inkarigi oħra li l-Kunsill jassenjalu li għandha tinkludi l-monitoraġġ tad-dħul u ta' l-infiq u kwistjonijiet dwar l-amministrazzjoni ta' l-Organizzazzjoni. Il-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni għandu jirrapporta dwar il-proċedimenti tiegħu lill-Kunsill.

Artikolu 19

Il-finanzi

(1) L-ispejje¿ tad-delegazzjonijiet lill-Kunsill u r-rappre¿entanti ta' kwalunkwe mill-kumitati tal-Kunsill għandhom jitħallsu mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom.

(2) L-ispejje¿ l-oħrajn meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jitħallsu minn kontribuzzjonijiet annwali mill-Membri vvalutati skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 20, flimkien ma' dħul minn bejgħ ta' servizzi speċifiċi lill-Membri u l-bejgħ ta' informazzjoni u studji ġenerati taħt id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikoli 32 u 34.

(3) Is-sena finanzjarja ta' l-Organizzazzjoni għandha tkun l-istess bħas-sena tal-kafè.

Artikolu 20

Determinazzjoni tal-Baġit Amministrattiv u valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet

(1) Matul it-tieni nofs ta' kull sena finanzjarja, il-Kunsill għandu japprova l-Baġit Amministrattiv ta' l-Organizzazzjoni għas-sena finanzjarja ta' wara u għandu jivvaluta l-kontribuzzjoni ta' kull Membru għal dak il-Baġit. Għandu jiġi ppreparat abbozz ta' Baġit Amministrattiv mid-Direttur E¿ekuttiv taħt is-supervi¿joni tal-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 18.

(2) Il-kontribuzzjoni ta' kull Membru għall-Baġit Amministrattiv għal kull sena finanzjarja għandha tkun skond il-proporzjon li jkollu l-għadd tal-voti tiegħu meta l-Baġit Amministrattiv għal dik is-sena finanzjarja jkun approvat mill-voti totali tal-Membri. Madankollu, jekk ikun hemm xi tibdil fid-distribuzzjoni tal-voti fost il-Membri skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) fil-bidu tas-sena finanzjarja li għaliha huma vvalutati l-kontribuzzjonijiet, dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu aġġustati b'mod korrispondenti għal dik is-sena. Fid-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet, il-voti ta' kull Membru għandhom jiġu kkalkolati mingħajr konsiderazzjoni għas-sospensjoni tad-drittijiet tal-votazzjoni ta' kwalunkwe Membru jew għal kwalunkwe distribuzzjoni mill-ġdid tal-voti li tirri¿ulta minn dan.

(3) Il-kontribuzzjoni inizjali ta' kwalunkwe Membru li jissieħeb fl-Organizzazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim kif provdut fl-Artikolu 42 għandha tiġi vvalutata mill-Kunsill fuq ba¿i ta' l-għadd ta' voti li għandu jkollu u l-perjodu li fadal mis-sena finanzjarja kurrenti, i¿da l-valutazzjonijiet magħmula fuq Membri oħrajn għas-sena finanzjarja kurrenti m'għandhomx jinbidlu.

Artikolu 21

Il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet

(1) Il-kontribuzzjonijiet għall-Baġit Amministrattiv għal kull sena finanzjarja għandhom ikunu pagabbli f'munita liberament konvertibbli u għandhom isiru dovuti fl-ewwel jum ta' dik is-sena finanzjarja.

(2) Jekk xi Membru jonqos li jħallas il-kontribuzzjoni sħiħa tiegħu lill-Baġit Amministrattiv fi ¿mien sitt xhur mid-data li fiha tkun dovuta l-kontribuzzjoni, id-drittijiet tal-votazzjoni tiegħu u d-dritt li jipparteċipa fil-laqgħat tal-kumitati speċjalizzati għandhom ikunu sospi¿i sakemm il-kontribuzzjoni tkun tħallset kollha. I¿da, kemm-il darba l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, dan il-Membru m'għandux ikun imċaħħad mid-drittijiet l-oħrajn tiegħu u lanqas ma jinħeles mill-obbligi tiegħu taħt dan il-Ftehim.

(3) Kwalunkwe Membru li d-drittijiet tal-votazzjoni tiegħu jkunu ġew sospi¿i taħt id-dispo¿izzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu xorta għandu jibqa' responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni tiegħu.

Artikolu 22

Il-passiv

(1) L-Organizzazzjoni, fil-funzjoni tagħha kif speċifikata fl-Artikolu 6(3), m'għandux ikollha s-setgħa li tidħol f'xi obbligu barra mill-ambitu ta' dan il-Ftehim, u m'għandhiex titqies li ġiet awtorizzata mill-Membri li tagħmel dan; b'mod partikolari m'għandux ikollha l-kapaċità li tissellef il-flus. Fl-eżerċizzju tal-kapaċità tagħha li tikkuntratta, l-Organizzazzjoni għandha tinkorpora fil-kuntratti tagħha t-termini ta' dan l-Artikolu b'tali mod li ġġibhom għall-attenzjoni tal-partijiet l-oħrajn li deħlin f'kuntratti ma' l-Organizzazzjoni, iżda kwalunkwe nuqqas li tinkorpora dawn it-termini m'għandux jinvalida dan il-kuntratt jew jagħmlu *ultra vires*.

(2) Ir-responsabbiltà ta' Membru hija limitata sa l-obbligi tiegħu dwar il-kontribuzzjonijiet speċifikament provduti f'dan il-Ftehim. Il-partijiet terzi li jaħdmu ma' l-Organizzazzjoni għandhom jitqiesu li huma avżati dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Membri.

Artikolu 23

Il-verifika u l-pubblikazzjoni tal-kotba

Malli jkun possibbli u mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, għandha tiġi ppreparata dikjarazzjoni vverifikata b'mod indipendenti ta' l-assi, tal-passiv, tad-dħul u ta' l-infiq ta' l-Organizzazzjoni matul dik is-sena finanzjarja. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill għall-approvazzjoni fl-ewwel sessjoni li tkun tmiss.

KAPITOLU IX – IL-PROMOZZJONI U L-IŻVILUPP TAS-SUQ

Artikolu 24

It-tneħħija ta' l-ostakoli għall-kummerċ u l-konsum

(1) Il-Membri jagħrfu l-importanza ta' l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-kafè u tat-tneħħija ta' ostakoli kurrenti u l-evitar ta' ostakoli ġodda li jistgħu jfixklu l-kummerċ u l-konsum, filwaqt li jirrikonoxxu fl-istess ħin id-dritt tal-Membri li jirregolaw, u li jintroduċu regolamenti ġodda, sabiex jilħqu l-għanijiet nazzjonali ta' politika tas-saħħa u ta' l-ambjent, skond l-impenni u l-obbligi tagħhom taħt ftehimiet internazzjonali, inklużi dawk relatati mal-kummerċ internazzjonali.

(2) Il-Membri jagħrfu li bħalissa hemm miżuri fis-seħħ li jistgħu sa livell akbar jew inqas ifixklu żieda fil-konsum tal-kafè, b'mod partikolari:

(a) l-arranġamenti ta' l-importazzjoni li jgħoddu għall-kafè, inklużi tariffi preferenzjali u oħrajn, kwoti, operazzjonijiet tal-monopolji tal-gvern u aġenziji uffiċjali tax-xiri, u regoli amministrattivi u prattiċi kummerċjali oħrajn;

(b) l-arranġamenti ta' l-esportazzjoni fir-rigward ta' sussidji diretti jew indiretti u regoli amministrattivi u prattiċi kummerċjali oħrajn; u

(c) il-kundizzjonijiet interni tal-kummerċ u d-dispożizzjonijiet legali u amministrattivi domestiċi u reġjonali li jistgħu jaffettwaw il-konsum.

(3) Fid-dawl ta' l-għanijiet dikjarati hawn fuq u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (4) ta' dan l-Artikolu, il-Membri għandhom jagħmlu sforz li jfittxu tnaqqis tat-tariffi fuq il-kafè jew li jieħdu azzjonijiet oħrajn biex ineħħu l-ostakoli għal konsum akbar.

(4) Filwaqt li tqies l-interess reċiproku tagħhom, il-Membri jintrabtu li jfittxu modi u mezzi kif l-ostakoli għall-kummerċ u l-konsum akbar imsemmija fil-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu jistgħu progressivament jitnaqqsu u eventwalment, kull fejn ikun possibbli, jiġu eliminati, jew li bihom l-effetti ta' dawn l-ostakoli jistgħu jiġu mnaqqsa b'mod sostanzjali.

(5) Fid-dawl ta' kwalunkwe impenn meħud skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (4) ta' dan l-Artikolu, il-Membri għandhom jgħarrfu lill-Kunsill kull sena dwar il-miżuri kollha adottati bl-għan li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

(6) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara perjodikament stħarriġ ta' l-ostakoli għall-konsum li għandu jiġi rivedut mill-Kunsill.

(7) Il-Kunsill jista', sabiex jagħti spinta lill-għanijiet ta' dan l-Artikolu, jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Membri, li għandhom jirrapportaw mill-aktar fis possibbli lill-Kunsill dwar il-miżuri adottati bl-għan li jiġu implimentati dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 25

Il-promozzjoni u l-iżvilupp tas-suq

(1) Il-Membri jagħrfu l-benefiċċji, kemm għall-Membri li jimportaw kif ukoll għal dawk li jesportaw, li jirriżultaw mill-isforzi li jiġi promoss il-konsum, tittejjeb il-kwalità tal-prodott, u li jiġu żviluppati swieq għall-kafè, inklużi Membri li jesportaw.

(2) L-attivitajiet tal-promozzjoni u ta' l-iżvilupp tas-suq jistgħu jinkludu kampanji ta' l-informazzjoni, riċerka, bini tal-kapaċitajiet u studji relatati mal-produzzjoni u l-konsum tal-kafè.

(3) Dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu inklużi fil-programm annwali ta' ħidma tal-Kunsill jew fost l-attivitajiet tal-proġett ta' l-Organizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 28 u jistgħu jiġu ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet volontarji mill-Membri, non-Membri, organizzazzjonijiet oħrajn u s-settur privat.

(4) Għandu jiġi stabbilit Kumitat dwar il-Promozzjoni u l-Iżvilupp tas-Suq. Il-Kunsill għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u l-mandat tiegħu.

Artikolu 26

Il-miżuri relatati mal-kafè pproċessat

Il-Membri jagħrfu l-ħtieġa li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw iwessgħu l-bażi ta' l-ekonomiji tagħhom permezz ta', *inter alia*, l-industrijalizzazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti manifatturati, inkluż l-ipproċessar tal-kafè u l-esportazzjoni tal-kafè pproċessat, kif imsemmi fis-sub-paragrafi (d), (e), (f) u (g) tal-paragrafu (1) ta' l-Artikolu 2. F'dan ir-rigward, il-Membri għandhom jevitaw l-adozzjoni ta' miżuri tal-gvern li jistgħu jikkawżaw tfixkil fis-settur tal-kafè ta' Membri oħrajn.

Artikolu 27

Taħlitiet u sostituti

(1) Il-Membri m'għandhom i¿ommu ebda regolament li jeħtieġ it-taħlit, l-ipproċessar jew l-u¿u ta' prodotti oħrajn mal-kafè għall-bejgħ kummerċjali mill-ġdid bħala kafè. Il-Membri għandhom jagħmlu sforzi biex jipprojbixxu l-bejgħ u r-reklamar tal-prodotti taħt l-isem tal-kafè jekk dawn il-prodotti fihom inqas mill-ekwivalenti ta' 95% kafè aħdar bħala l-materjal ba¿iku mhux ipproċessat.

(2) Id-Direttur E¿ekuttiv għandu jissottometti lill-Kunsill rapport perjodiku dwar il-konformità mad-dispo¿izzjonijiet dan l-Artikolu.

KAPITOLU X – L-ATTIVITAJIET TA' PROĠETTI TA' L-ORGANIZZAZZJONI

Artikolu 28

L-iżvilupp u l-iffinanzjar tal-proġetti

(1) Il-Membri u d-Direttur E¿ekuttiv jistgħu jissottomettu proposti dwar proġetti li jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim u wieħed jew aktar mill-oqsma prijoritarji għall-ħidma identifikati fil-pjan ta' azzjoni strateġiku approvat mill-Kunsill skond l-Artikolu 9.

(2) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi proċeduri u mekkani¿mi biex jiġu sottomessi, evalwati, approvati, prijoritarizzati u ffinanzjati l-proġetti, kif ukoll għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom, u d-disseminazzjoni ġenerali tar-ri¿ultati.

(3) F'kull sessjoni tal-Kunsill id-Direttur E¿ekuttiv għandu jirrapporta dwar l-istat tal-proġetti kollha approvati mill-Kunsill, inklu¿i dawk li qed jistennew il-finanzjament, li qed jiġu implimentati jew li tlestew minn ¿mien l-aħħar sessjoni tal-Kunsill.

(4) Għandu jiġi stabbilit Kumitat dwar il-Proġetti. Il-Kunsill għandu jiddetermina l-kompo¿izzjoni u l-mandat tiegħu.

KAPITOLU XI – IS-SETTUR PRIVAT TAL-KAFÈ

Artikolu 29

Il-Bord Konsultattiv tas-Settur Privat

(1) Il-Bord Konsultattiv tas-Settur Privat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-PSCB - *Private Sector Consultative Board*) għandu jkun korp konsultattiv li jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe konsultazzjoni magħmula mill-Kunsill u jista' jistieden lill-Kunsill jikkunsidra kwistjonijiet relatati ma' dan il-Ftehim.

(2) Il-PSCB għandu jkun iffurmat minn tmien rappre¿entanti tas-settur privat fil-pajji¿i li jesportaw, u tmien rappre¿entanti tas-settur privat fil-pajji¿i li jimportaw.

(3) Il-membri tal-PSCB għandhom ikunu rappre¿entanti ta' l-assoċjazzjonijiet jew korpijiet maħtura mill-Kunsill kull sentejn tal-kafè, u jistgħu jinħatru mill-ġdid. Meta jagħmel dan il-Kunsill għandu jagħmel sforz li jaħtar:

(a) żewġ assoċjazzjonijiet jew korpijiet tal-kafè fis-settur privat mill-pajjiżi jew reġjuni li jesportaw li jirrappreżentaw kull wieħed mill-erba' gruppi tal-kafè,

preferibbilment li jirrappreżentaw kemm dawk li jkabbru l-kafè u dawk li jesportawh, flimkien ma' sostitut wieħed jew aktar għal kull rappreżentant; u

(b) tmien assoċjazzjonijiet jew korpijiet tal-kafè fis-settur privat mill-pajjiżi li jimportaw, kemm jekk Membri jew le, preferibbilment li jirrappreżentaw kemm l-importaturi kif ukoll dawk li jixwu l-kafè, flimkien ma' sostitut wieħed jew aktar għal kull rappreżentant.

(4) Kull membru tal-PSCB jista' jaħtar konsulent wieħed jew aktar.

(5) Il-PSCB għandu jkollu President u Viċi-President eletti minn fost il-Membri tiegħu, għal ¿mien ta' sena. Dawn l-uffiċjali jistgħu jiġu eletti mill-ġdid. Il-President u l-Viċi-President m'għandhomx jitħallsu mill-Organizzazzjoni. Il-President għandu jkun mistieden jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill bħala osservatur.

(6) Il-PSCB għandu normalment jiltaqa' fis-sede ta' l-Organizzazzjoni, matul is-sessjonijiet regolari tal-Kunsill. Fil-ka¿ li l-Kunsill jaċċetta stedina minn Membru li jagħmel laqgħa fit-territorju tiegħu, il-PSCB għandu wkoll jiltaqa' f'dak it-territorju, f'liema ka¿ l-ispejje¿ addizzjonali għall-Organizzazzjoni involuti akbar minn dawk magħmula meta l-laqgħa ssir fis-sede jitħallsu minn dak il-pajji¿ jew organizzazzjoni tas-settur privat li jospita/tospita l-laqgħa.

(7) Il-PSCB jista' jagħmel laqgħat speċali soġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsill.

(8) Il-PSCB għandu jissottometti rapporti regolari lill-Kunsill.

(9) Il-PSCB għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu stess, konsistenti mad-dispo¿izzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 30

Il-Konferenza Dinjija dwar il-Kafè

(1) Il-Kunsill għandu jagħmel arranġamenti biex jagħmel, f'intervalli xierqa, Konferenza Dinjija dwar il-Kafè (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Konferenza), li għandha tkun komposta minn Membri li jesportaw u li jimportaw, minn rappre¿entanti tas-settur privat, u parteċipanti interessati oħrajn, inklu¿i parteċipanti minn pajji¿i mhux membri. Il-Kunsill, b'koordinazzjoni mal-President tal-Konferenza, għandu ji¿gura li l-Konferenza tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-Konferenza għandu jkollha President li m'għandux jitħallas mill-Organizzazzjoni. Il-President għandu jinħatar mill-Kunsill għal perjodu xieraq, u għandu jkun mistieden jieħu sehem f'laqgħat tal-Kunsill bħala osservatur.

(3) Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-forma, it-titlu, is-suġġett u l-ħin tal-Konferenza, b'konsultazzjoni mal-Bord Konsultattiv tas-Settur Privat. Il-Konferenza normalment għandha ssir fis-sede ta' l-Organizzazzjoni, matul is-sessjonijiet regolari tal-Kunsill. Fil-ka¿ li l-Kunsill jaċċetta stedina minn Membru li jagħmel sessjoni fit-territorju tiegħu, il-Konferenza tista' wkoll issir f'dak it-territorju, f'liema ka¿ l-ispejje¿ addizzjonali għall-Organizzazzjoni involuti akbar minn dawk magħmula meta l-laqgħa ssir fis-sede jitħallsu minn dak il-pajji¿ li jospita l-laqgħa.

(4) Kemm-il darba l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, il-Konferenza għandha tiffinanzja lilha nfisha.

(5) Il-President għandu jirraporta lill-Kunsill dwar il-konklu¿jonijiet tal-Konferenza.

Artikolu 31

Il-Forum Konsultattiv dwar il-Finanzjament tas-Settur tal-Kafè

(1) Il-Kunsill għandu jlaqqa', f'intervalli xierqa u b'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħrajn rilevanti, Forum Konsultattiv dwar il-Finanzjament tas-Settur tal-Kafè (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Forum) biex jiffaċilita l-konsultazzjonijiet dwar suġġetti relatati mal-finanzi u l-immaniġġjar tar-riskju fis-settur tal-kafè, b'enfasi partikolari fuq il-b¿onnijiet ta' produtturi ta' skala ¿għira u medja, u komunitajiet lokali fi¿-¿oni li jipproduċu l-kafè.

(2) Il-Forum għandu jinkludi rappre¿entanti tal-Membri, organizzazzjonijiet intergovernattivi, istituzzjonijiet finanzjarji, is-settur privati, organizzazzjonijiet mhux governattivi, pajji¿i mhux membri interessati u oħrajn b'għarfien espert rilevanti. Kemm-il darba l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, il-Forum għandu jiffinanzja lilu nnifsu.

(3) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura għall-ħidma tal-Forum, għall-ħatra tal-President u d-disseminazzjoni ġenerali tar-ri¿ultati tagħha, bl-u¿u fejn xieraq ta' mekkani¿mi stabbiliti skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 34. Il-President għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar ir-ri¿ultati tal-Forum.

KAPITOLU XII – INFORMAZZJONI STATISTIKA, STUDJI U STĦARRIĠ

Artikolu 32

L-informazzjoni statistika

(1) L-Organizzazzjoni għandha taġixxi bħala ċentru għall-ġbir, l-iskambju u l-pubblikazzjoni ta':

(a) informazzjoni statistika dwar il-produzzjoni dinjija, il-prezzijiet, l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet mill-ġdid, it-tqassim u l-konsum tal-kafè, inkluża informazzjoni dwar il-produzzjoni, il-konsum, il-kummerċ u l-prezzijiet għall-kafejiet f'kategoriji differenti tas-suq u prodotti differenti li fihom il-kafè; u

(b) safejn jitqies xieraq, informazzjoni teknika dwar il-kultivazzjoni, l-ipproċessar u l-użu tal-kafè.

(2) Il-Kunsill jista' jitlob lill-Membri jipprovdu dik l-informazzjoni li jqis meħtieġa għall-operat tiegħu, inklu¿i rapporti statistiċi regolari dwar il-produzzjoni tal-kafè, it-tendenzi tal-produzzjoni, l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet mill-ġdid, it-tqassim, il-konsum, il-ħa¿niet, il-prezzijiet u t-tassazzjoni, i¿da ma għandha tiġi ppubblikata ebda informazzjoni li tista' tintu¿a biex jiġi identifikat l-operat ta' persuni jew kumpanniji li jipproduċu, jipproċessaw jew ibiegħu fis-suq il-kafè. Safejn ikun possibbli, il-Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba bl-aktar mod dettaljat, f'waqtu u preċi¿ li jista' jkun prattikabbli.

(3) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi sistema ta' prezzijiet indikaturi u għandu jipprovdi għall-pubblikazzjoni prezz indikattiv kompost ta' kuljum li għandu jirrifletti l-kundizzjonijiet attwali tas-suq.

(4) Jekk Membru jonqos milli jipprovdi jew isib diffikultà biex jipprovdi fi ¿mien raġonevoli informazzjoni statistika u oħra meħtieġa mill-Kunsill għall-ħidma t-tajba ta' l-Organizzazzjoni, il-Kunsill jista' jitlob lill-Membru kkonċernat jispjega r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità. Il-Membru jista' wkoll jgħarraf lill-Kunsill dwar id-diffikultà tiegħu u jitlob l-assistenza teknika.

(5) Jekk jinsab li l-assistenza teknika hija meħtieġa fil-kwistjoni, jew jekk Membru ma pprovdiex, għal sentejn konsekuttivi, l-informazzjoni statistika mitluba taħt il-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu u ma talabx l-assistenza tal-Kunsill jew ma spjegax ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, il-Kunsill jista' jieħu dawk l-inizjattivi li x'aktarx iwasslu lil dan il-Membru jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

Artikolu 33

Iċ-Ċertifikati ta' l-Oriġini

(1) Sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' l-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali tal-kafè u biex jiġu aċċertati l-kwantitajiet tal-kafè li ġew esportati minn kull Membru li jesporta, l-Organizzazzjoni għandha tistabbilixxi sistema ta' Ċertifikati ta' l-Oriġini, irregolata minn regoli approvati mill-Kunsill.

(2) Kull esportazzjoni tal-kafè minn Membru li jesporta għandha tkun koperta minn Ċertifikat ta' l-Oriġini validu. Iċ-Ċertifikati ta' l-Oriġini għandhom jinħarġu, skond ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill, minn aġenzija kkwalifikata magħ¿ula mill-Membru u approvata mill-Organizzazzjoni.

(3) Kull Membru li jesporta għandu jgħarraf lill-Organizzazzjoni dwar l-aġenzija governattiva jew mhux governattiva li għandha twettaq il-funzjonijiet speċifikati fil-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu. L-Organizzazzjoni għandha speċifikament tapprova aġenzija mhux governattiva skond ir-regoli approvati mill-Kunsill.

(4) Membru li jesporta, fuq ba¿i eċċezzjonali u b'ġustifikazzjoni tajba, jista' jissottometti, għall-approvazzjoni tal-Kunsill, talba biex jippermetti d-data mogħtija fiċ-Ċertifikati ta' l-Oriġini dwar l-esportazzjonijiet tiegħu tal-kafè tiġi tra¿messa lill-Organizzazzjoni bl-u¿u ta' metodu alternattiv.

Artikolu 34

Studji, stħarriġ u rapporti

(1) Sabiex tassisti lill-Membri, l-Organizzazzjoni għandha tippromwovi l-preparazzjoni ta' l-istudji, stħarriġ, rapporti tekniċi u dokumenti oħrajn dwar aspetti rilevanti tas-settur tal-kafè.

(2) Dan jista' jinkludi xogħol dwar l-ekonomija tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kafè, l-anali¿i tal-katina tal-valur tal-kafè, metodi biex jiġu mmaniġġjati r-riskji finanzjarji u oħrajn, l-impatt ta' mi¿uri governattivi fuq il-produzzjoni u l-konsum tal-kafè, aspetti ta' sostenibbiltà tas-settur tal-kafè, rabtiet bejn il-kafè u s-saħħa u opportunitajiet għall-espansjoni tas-swieq tal-kafe' għal u¿i tradizzjonali u u¿i possibbli ġodda.

(3) L-informazzjoni miġura, kkumpilata, analizzata u mqassma tista' wkoll tinkludi, fejn ikun teknikament possibbli:

(a) kwantitajiet u prezzijiet ta' kafejiet dwar fatturi bħal żoni ġeografiċi differenti u kundizzjonijiet tal-produzzjoni relatati mal-kwalità; u

(b) informazzjoni dwar l-istrutturi tas-suq, swieq speċjalizzati u tendenzi li qed jiżviluppaw fil-produzzjoni u l-konsum.

(4) Sabiex iwettaq id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill għandu jadotta programm ta' ħidma annwali ta' studji, stħarriġ u rapporti, b'rekwiżiti stmati tar-riżorsi. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu ffinanzjati jew minn dispożizzjonijiet fil-Baġit Amministrattiv jew minn għejun baġitarji oħra.

(5) L-Organizzazzjoni għandha tagħmel enfasi partikolari fuq il-faċilitazzjoni ta' l-aċċess għall-informazzjoni mill-produtturi għar tal-kafè u tgħinhom itejbu l-ħidma finanzjarja tagħhom, inklużi l-ġestjoni tal-kreditu u r-riskju.

KAPITOLU XIII – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 35

Preparazzjonijiet għal Ftehim ġdid

(1) Il-Kunsill jista' jeżamina l-possibbiltà li jiġi negozjat Ftehim Internazzjonali tal-Kafè ġdid.

(2) Sabiex iwettaq din id-dispożizzjoni, il-Kunsill għandu jeżamina l-progress li għamlet l-Organizzazzjoni fil-kisba ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim kif speċifikat fl-Artikolu 1.

Artikolu 36

Settur sostenibbli tal-kafè

Il-Membri għandhom iqisu l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi u ta' l-ipproċessar tal-kafè, filwaqt li jqisu l-prinċipji u l-għanijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli li jinsabu fl-Aġenda 21 adottat mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp li nżammet f'Rio de Janeiro fl-1992 u dawk adottati fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li nżamm f'Johannesburg fl-2002.

Artikolu 37

Standard ta' l-għajxien u kundizzjonijiet ta' xogħol

Il-Membri għandhom iqisu t-titjib ta' l-istandard ta' l-għajxien u l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-popolazzjonijiet involuti fis-settur tal-kafè, skond l-istadju tagħhom ta' l-iżvilupp, fid-dawl ta' prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment u standards applikabbli dwar dawn il-kwistjonijiet. Barra minn dan, il-Membri jaqblu li l-istandards tax-xogħol m'għandhomx jintużaw għal skopijiet ta' kummerċ protezzjonist.

KAPITOLU XIV – KONSULTAZZJONIJIET, TILWIMIET U LMENTI

Artikolu 38

Il-konsultazzjonijiet

Kull Membru għandu jagħti konsiderazzjoni pożittiva għal-konsultazzjoni u jagħti opportunità xierqa għal konsultazzjoni dwar dawk ir-rappreżentazzjonijiet li Membru ieħor jista' jagħmel fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam ma' dan il-Ftehim. Matul din il-konsultazzjoni, fuq talba minn kwalunkwe parti u bil-kunsens tal-parti l-oħra, id-Direttur Eżekuttiv għandu jistabbilixxi bord indipendenti li għandu jagħmel mill-aħjar biex jikkonċilja l-partijiet. L-ispejjeż tal-bord m'għandhomx jitħallsu mill-Organizzazzjoni. Jekk parti ma taqbilx li jiġi stabbilit bord mid-Direttur Eżekuttiv, jew jekk il-konsultazzjoni ma twassalx għal soluzzjoni, il-kwistjoni tista' tiġi riferita lill-Kunsill skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39. Jekk il-konsultazzjoni twassal għal soluzzjoni, din għandha tiġi rrapportata lid-Direttur Eżekuttiv, li għandu jqassam ir-rapport lill-Membri kollha.

Artikolu 39

It-tilwimiet u l-ilmenti

(1) Kwalunkwe tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim li ma tiġix solvuta permezz tan-negozjati għandha, fuq talba ta' kwalunkwe Membru li jkun parti mit-tilwima, tiġi riferita lill-Kunsill għal deċi¿joni.

(2) Il-Kunsill għandu jistabblixxi proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwimiet u l-ilmenti.

KAPITOLU XV – DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 40

Firma u ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni

(1) Ħlief kif provdut mod ieħor, dan il-Ftehim għandu jkun miftuħ għall-firma fil-kwartieri ġenerali tad-Depo¿itarju sa mill-1 ta' Frar 2008 sa u inklu¿ il-31 ta' Awissu 2008 minn Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2001 u mill-Gvernijiet mistiedna għas-sessjoni tal-Kunsill fejn ġie adottat dan il-Ftehim.

(2) Dan il-Ftehim huwa soġġett għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni mill-Gvernijiet firmatarji skond il-proċeduri legali rispettivi tagħhom.

(3) Ħlief kif provdut fl-Artikolu 42, l-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni għandhom jiġu ddepo¿itati mad-Depo¿itarju mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2008. Madankollu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jagħti estensjonijiet ta' ¿mien lill-Gvernijiet firmatarji li ma jistgħux jiddepo¿itaw l-istrumenti tagħhom sa dik id-data. Il-Kunsill għandu jittra¿metti dawn id-deċi¿jonijiet lid-Depo¿itarju.

(4) Mal-firma u r-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni, jew notifika ta' applikazzjoni provvi¿orja, il-Komunità Ewropea għandha tiddepo¿ita dikjarazzjoni mad-Depo¿itarju li tikkonferma l-kompetenza esklussiva tagħħa dwar kwistjonijiet irregolati minn dan il-Ftehim. L-Istati Membri tal-Komunità Ewropea m'għandhomx ikunu eliġibbli li jsiru Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

Artikolu 41

L-applikazzjoni provviżorja

Gvern firmatarju li bi ħsiebu jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Ftehim jista', fi kwalunkwe ħin, jinnotifika d-Depożitarju li se japplika dan il-Ftehim provviżorjament skond il-proċeduri legali tiegħu.

Artikolu 42

Id-dħul fis-seħħ

(1) Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ definittivament meta l-Gvernijiet firmatarji li għandhom mill-inqas ¿ewġ terzi tal-voti tal-Membri li jesportaw u l-Gvernijiet firmatarji li għandhom għall-inqas ¿ewġ terzi tal-voti tal-Membri li jimportaw, ikkalkolati fit-28 ta' Settembru 2007, mingħajr riferenza għas-sospensjoni possibbli skond l-Artikolu 21, ikunu ddepo¿itaw strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Alternattivament, għandu jidħol fis-seħħ definittivament fi kwalunkwe ħin jekk ikun fis-seħħ provvi¿orjament skond id-dispo¿izzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu u dawn ir-rekwi¿iti dwar perċentwal jiġu sodisfatti bid-depo¿itu ta' strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

(2) Jekk dan il-Ftehim ma jkunx daħal fis-seħħ definittivament sal-25 ta' Settembru 2008, huwa għandu jidħol fis-seħħ provvi¿orjament f'dik id-data, jew fi kwalunkwe data oħra fi ¿mien tnax-il xahar wara, jekk il-Gvernijiet firmatarji li jkollhom il-voti deskritti fil-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu, jkunu ddepo¿itaw l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jew ikunu nnotifikaw lid-Depo¿itarju skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 41.

(3) Jekk dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ provvi¿orjament i¿da ma jkunx daħal fis-seħħ definittivament sal-25 ta' Settembru 2009, għandu jispiċċa milli jkun fis-seħħ provvi¿orjament kemm-il darba dawk il-Gvernijiet firmatarji li jkunu ddepo¿itaw l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jew li jkunu nnotifikaw lid-Depo¿itarju skond id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 41, jiddeċiedu, b'kunsens komuni, li għandu jkompli fis-seħħ provvi¿orjament għal perjodu speċifiku ta' ¿mien. Dawn il-Gvernijiet firmatarji jistgħu wkoll jiddeċiedu, b'kunsens komuni, li dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ definittivament fosthom.

(4) Jekk dan il-Ftehim ma jkunx daħal fis-seħħ definittivament sal-25 ta' Settembru 2009 skond id-dispo¿izzjonijiet tal-paragrafu (1) jew (2) ta' dan l-Artikolu, dawk il-Gvernijiet firmatarji li ddepo¿itaw strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, skond il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom, jistgħu jiddeċiedu, b'kunsens komuni, li dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ definittivament fosthom.

Artikolu 43

Adeżjoni

(1) Ħlief kif provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-Gvern ta' kwalunkwe Stat membru tan-Nazzjonijiet Uniti jew ta' kwalunkwe mill-aġenziji speċjalizzati tagħha jew kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva deskritta fl-Artikolu 4(3) jistgħu jaderixxu għal dan il-Ftehim skond il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill.

(2) L-istrumenti ta' l-ade¿joni għandhom jiġu ddepo¿itati mad-Depo¿itarju. L-ade¿joni għandha tidħol fis-seħħ mad-depo¿itu ta' l-istrument.

(3) Malli jiġi depo¿itat strument ta' l-ade¿joni, kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva msemmija fl-Artikolu 4(3) għandha tiddepo¿ita dikjarazzjoni li tikkonferma l-kompetenza esklussiva tagħha dwar kwistjonijiet irregolati minn dan il-Ftehim. L-Istati membri ta' din l-organizzazzjoni m'għandhomx ikunu eliġibbli li jsiru Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim.

Artikolu 44

Ir-riżervi

Ma jistgħu jsiru ebda riżervi fir-rigward ta' xi dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 45

L-irtirar volontarju

Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tirtira minn dan il-Ftehim fi kwalunkwe ħin billi tagħti avviż ta' l-irtirar bil-miktub lid-Depożitarju. L-irtirar għandu jsir effettiv 90 jum wara li jiġi rċevut l-avviż.

Artikolu 46

L-esklużjoni

Jekk il-Kunsill jiddeċiedi li xi Membru jkun kiser l-obbligi tiegħu taħt dan il-Ftehim u jiddeċiedi wkoll li dan il-ksur ifixkel b'mod sinjifikanti l-operat ta' dan il-Ftehim, jista' jeskludi lil dan il-Membru mill-Organizzazzjoni. Il-Kunsill għandu minnufih jgħarraf lid-Depożitarju b'din id-deċiżjoni. Disgħin jum wara d-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill, dan il-Membru għandu jieqaf milli jkun Membru ta' l-Organizzazzjoni u Parti f'dan il-Ftehim.

Artikolu 47

Il-ħlas tal-kontijiet mal-Membri li jirtiraw jew li huma eskluži

(1) Il-Kunsill għandu jiddetermina kwalunkwe ħlas ta' kontijiet ma' Membru li qed jirtira jew Membru esklu¿. L-Organizzazzjoni għandha ¿¿omm kwalunkwe ammont diġà mħallas minn Membru li qed jirtira jew li ġie esklu¿ u dan il-Membru għandu jibqa' obbligat iħallas kwalunkwe ammont dovut minnu lill-Organizzazzjoni fil-ħin li l-irtirar jew l-esklu¿joni ssir effettiva; sakemm, i¿da, li fil-ka¿ ta' Parti Kontraenti li ma tistax taċċetta emenda u għalhekk tieqaf milli tipparteċipa f'dan il-Ftehim taħt id-dispo¿izzjonijiet ta' l-Artikolu 49(2), il-Kunsill jista' jiddetermina kwalunkwe ħlas tal-kontijiet li jqis ewku.

(2) Membru li jkun waqaf jipparteċipa f'dan il-Ftehim m'għandux ikun intitolat għal xi sehem tad-dħul ta' likwidazzjoni jew l-assi l-oħrajn ta' l-Organizzazzjoni; lanqas ma jkun responsabbli għall-ħlas ta' xi parti mid-defiċit, jekk ikun hemm, ta' l-Organizazzjoni meta jiġi tterminat dan il-Ftehim.

Artikolu 48

Dewmien, estensjoni u terminazzjoni

(1) Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal ¿mien ta' għaxar snin wara li jidħol fis-seħħ provvi¿orjament jew definittivament kemm-il darba ma jiġix esti¿ skond id-dispo¿izzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan l-Artikolu jew itterminat taħt id-dispo¿izzjonijiet tal-paragrafu (4) ta' dan l-Artikolu.

(2) Il-Kunsill għandu jirrevedi dan il-Ftehim ħames snin wara li jidħol fis-seħħ u jieħu deċi¿jonijiet kif xieraq.

(3) Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jestendi dan il-Ftehim lil hinn mid-data meta jiskadi għal perjodu suċċessiv wieħed jew aktar i¿da mhux aktar minn total ta' tmien snin. Kwalunkwe Membru li ma jaċċettax din l-estensjoni ta' dan il-Ftehim għandu jgħarraf lill-Kunsill u lid-Depo¿itarju bil-miktub qabel ma jibda l-perjodu ta' l-estensjoni u għandu jieqaf milli jkun Parti ta' dan il-Ftehim mill-bidu tal-perjodu ta' estensjoni.

(4) Il-Kunsill jista' jiddeċiedi fi kwalunkwe ħin li jittermina dan il-Ftehim. It-terminazzjoni għandha tieħu effett f'data li jiddeċiedi l-Kunsill.

(5) Minkejja t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill għandu jibqa' je¿isti kemm ikun meħtieġ biex jittieħdu d-deċi¿jonijiet meħtieġa matul i¿-¿mien meħtieġ għal-likwidazzjoni ta' l-Organizzazzjoni, il-ħlas tal-kontijiet tagħha u d-dispo¿izzjoni ta' l-assi tagħha.

(6) Kwalunkwe deċi¿joni meħuda fir-rigward tad-dewmien u/jew terminazzjoni ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe notifika rċevuta mill-Kunsill skond dan l-Artikolu għandha tkun tra¿messa mill-Kunsill lid-Depo¿itarju.

Artikolu 49

Emenda

(1) Il-Kunsill jista' jipproponi emenda tal-Ftehim u għandu jikkomunika din il-proposta lill-Partijiet Kontraenti kollha. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Membri kollha ta' l-Organizzazzjoni 100 jum wara li d-Depo¿itarju jkun irċieva notifiki ta' aċċettazzjoni minn Partijiet Kontraenti li għandhom għall-inqas ¿ewġ terzi tal-voti tal-Membri li jesportaw, u minn minn Partijiet Kontraenti li jkollhom għall-inqas ¿ewġ terzi tal-voti tal-Membri li jimportaw. Il-perċentwal ta' ¿ewġ terzi msemmi hawn għandu jiġi kkalkolat fuq il-ba¿i ta' l-għadd ta' Partijiet Kontraenti għall-Ftehim fil-ħin li l-proposta ta' l-emenda ġiet iċċirkolata lill-Partijiet Kontraenti kkonċernati għall-aċċettazzjoni. Il-Kunsill għandu jiffissa ¿mien li fih il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lid-Depo¿itarju dwar l-aċċettazzjoni minnhom ta' l-emenda, li għandha tkun ikkomunikata mill-Kunsill lill-Partijiet Kontraenti kollha u lid-Depo¿itarju. Jekk, malli jiskadi dan it-terminu, ir-rekwi¿iti ta' perċentwal għad-dħul fis-seħħ ta' l-emenda ma jkunux intlaħqu, l-emenda għandha titqies irtirata.

(2) Kemm-il darba l-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, kwalunkwe Parti Kontraenti li ma tkunx innotifikat l-aċċettazzjoni ta' emenda fil-perjodu ffissat mill-Kunsill għandha tieqaf milli tkun Parti Kontraenti għal dan il-Ftehim mid-data meta din l-emenda ssir effettiva.

(3) Il-Kunsill għandu jinnotifika lid-Depo¿itarju b'kwalunkwe emenda mqassma lill-Partijiet Kontraenti skond dan l-Artikolu.

Artikolu 50

Dispożizzjoni supplementarja u tranżitorja

L-atti kollha minn jew f'isem l-Organizzazzjoni jew kwalunkwe mill-organi tagħha taħt il-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2001 għandhom jibqgħu fis-seħħ sa meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Artikolu 51

It-testijiet awtentiċi tal-Ftehim

It-testijiet ta' dan il-Ftehim bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Portugiż u bl-Ispanjol għandhom ikunu lkoll ugwalment awtentiċi. L-oriġinali għandhom jiġu ddepożitati mad-Depożitarju.

B'XHIEDA TA' DAN is-sottofirmati, debitament awtorizzati f'dan is-sens mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim fid-dati li jidhru biswit il-firem tagħhom.

ANNESS

FATTURI TAL-KONVERŻJONI GĦALL-KAFÈ MIXWI, DEKAFFEINAT, LIKWIDU U SOLUBBLI KIF DEFINIT FIL-FTEHIM INTERNAZZJONALI DWAR IL-KAFÈ ta' l-2001

Il-kafè mixwi

Biex jinstab l-ekwivalenti tal-kafè mixwi għall-kafè aħdar, immultiplika l-piż nett tal-kafè mixwi b'1.19.

Il-kafè dekaffeinat

Biex jinstab l-ekwivalenti tal-kafè dekaffeinat għall-kafè aħdar, immultiplika l-piż nett tal-kafè dekaffeinat f'forma ħadra, mixwija jew li tinħall b'1.00, 1.19 jew 2.6 rispettivament

Il-kafè likwidu

Biex jinstab l-ekwivalenti tal-kafè likwidu għall-kafè aħdar, immultiplika l-piż nett tas-solidi tal-kafè mnixxef li jinsabu fil-kafè likwidu b'2.6.

Il-kafè solubbli

Biex jinstab l-ekwivalenti tal-kafè solubbli għall-kafè aħdar, immultiplika l-piż nett tas-solidi tal-kafè solubbli b'2.6.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Dan id-dokument hu intiż biex jakkumpanja u jikkumplimenta l-Memorandu ta' Spjegazzjoni.Bħala tali, meta timtela d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, u bla ħsara għal-leġibilità tagħha, għandu jsir sforz biex ikun evitat li tiġi ripetuta l-informazzjoni li hemm fil-Memorandum ta'Qabel timla din it-*template*, jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida speċifiċi li kienu abbozzati biex jipprovdu gwida u kjarifika għall-affarijiet t'hawn taħt.

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali ta' l-2007 tal-Kafè.

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Il-qasam(oqsma) ta' politika kkonċernata(i) u l-Attività/Attivitajiet assoċjata/i. Ir-Relazzjonijiet Esterni, l-Iżvilupp u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi ta' l-AKP. Obbligi fil-konfront ta' l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali dwar il-Prodotti Bażiċi

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (ex- B..A lines)) inklużi l-intestaturi:

21 07 04 Ftehim dwar prodotti bażiċi

3.2. Tul ta' żmien ta' l-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

Għaxar snin sakemm il-Ftehim ikun innegozjat mill-ġdid jew ikun estiż

3.3. Karatteristiċi Baġitarji (żid ir-ringieli jekk ikun meħtieġ):

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdid	Kontribuzzjoni ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
	Comp	Diff[1]	LE	LE	LE	Le [4]

[1] Approprazzjonijiet iddifferenzjati

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Sommarju ra' l-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u approprjazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Tip tan-nefqa	Nru tat-Taqsima		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
Nefqa operattiva[2]									
Approprjazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1	(a)	1,125	1,193	1,253	1,316	1,382	1,451	7,720*
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas (AĦ)		(b)	1,125	1,193	1,253	1,316	1,382	1,451	7,720*
Il-kalkolu tal-proporzjon tal-KE hu bbażat fuq l-ICA kurrenti għall-2001 Il-bagit għall-2008/09 għandu jiġi deċiż f'Settembru 2008 għalhekk dawn iċ-ċifri huma biss stima bbażata fuq il-bagit kurrenti. Il-kalkolu jikkunsidra l-medja annwali ta' żieda li hi ugwali għal 5-6%									
Nefqa Amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza[3]									
Assistenza amministrattiva u teknika (NDA) *	8.2.4	c							
**** M'hemmx bżonn għal assistenza teknika u amministrattiva***									
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
Approprjazzjonijiet għall-impenji		**a+c**	1,125	1,193	1,253	1,316	1,382	1,451	7,720*
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas		**b+c**	1,125	1,193	1,253	1,316	1,382	1,451	7,720*
Nefqa amministrattiva <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza[4]									
**** M'hemmx bżonn għal assistenza teknika u amministrattiva***									
Riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5	(d)							

[2] Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 u t-Titlolu xx ikkonċernat.

[3] L-ispiża fi ħdan l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

[4] Nefqa fi ħdan il-kapitolu xx 01 ħlief l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Spejjeż amministrattivi, ħlief dawk tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' riferenza (NDA)	8.2.6	e							

L-ispejjeż finanzjarji indikattivi totali

TOTAL AI li jinkludu l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	1,125	1,193	1,253	1,316	1,382	1,451	7,720*
TOTAL AĦ li jinkludu l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	1,125	1,193	1,253	1,316	1,382	1,451	7,720*

Id-dettalji tal-finanzjament konġunt

Jekk il-proposta tinvolvi finanzjament konġunt mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), stima tal-livell ta' dan il-finanzjament konġunt għandha tiġi indikata fit-tabella t'hawn taħt (linji addizzjonali jistgħu jiġu miżjuda jekk entitajiet differenti jkunu previsti għall-għoti ta' finanzjament konġunt.

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

L-entità tal-finanzjament konġunt		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
……	f							
TOTAL ta' AI inkluż il-finanzjament konġunt	a+c +d +e +f							

4.1.2. Il-kompatibiltà ma' l-ipprogrammar finanzjarju

X Il-proposta hi kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta ser tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' tirrikjedi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[5] (jiġifieri l-istrument flessibbli jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul

X Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul hu kif ġej:

[5] Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Interistituzzjonali.

NB:Id-dettalji u l-osservazzjonijiet relatati mal-metodu ta' l-ikkalkular ta' l-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.

EUR miljun (sa punt deċimali wieħed)

		Qabel azzjoni	Sitwazzjoni li ssegwi l-azzjoni					
Linja tal-baġit	Dħul	[Sena n-1]	[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] [6]
	a) Id-dħul f'termini assoluti							
	b) It-tibdil fid-dħul	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tal-baġit tad-dħul involuta, billi żżid in-numru xieraq ta' ringieli mat-tabella jekk ikun hemm effett fuq iżjed minn linja waħda tal-baġit.)4.2. Ir-Riżorsi Umani FTE (inklużi l-uffiċjali, il-persunal temporanju u estern) – ara d-dettal taħt il-punt 8.2.1.

Il-ħtiġiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti fl-allokazzjoni għad-DĠ li jkun qed jamministra fil-qafas tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni.

Ħtiġiet annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
In-numru totali tar-riżorsi umani	2	2	2	2	2	2

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

Id-dettalji tal-kuntest tal-proposta huma meħtieġa fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni.Din it-taqsima tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għandha tinkludi l-informazzjoni kumplementarja speċifika li ġejja:

5.1. Il-bżonn li jrid jitwettaq fit-terminu ta' żmien qasir jew twil

L-obbligu li ssir membru b'riżultat ta' l-eżitu pożittiv tan-negozjati u l-kisbiet ta' suċċessi kbar li kienet tawgura l-Komunità u li kienet taqbel magħhom il-Kunsill fid-Direttivi għan-negozjati. Is-sħubija kienet ukoll irrakkomandata mill-konklużjonijiet ta' l-Istudju riċenti dwar il-Futur ta' l-Entitajiet Internazzjonali dwar il-prodotti bażiċi (ICBs) fejn saret valutazzjoni ġenerali tal-parteċipazzjoni tal-KE fl-(ICBs), inkluż l-ICO, bil-ħsieb ta' approċċ globali

5.2. Valur miżjud għall-impenn tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti oħra finanzjarji u sinerġija possibbli

Is-sħubija preżenti fil-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ġejja miil-approċċ aktar wiesa' li dejjem kellha l-Kummissjoni meta iffirmat u kkonkludiet ftehimiet internazzjonali dwar il-prodotti bażiċi wara li kienu nnegozjati, bħala għodda biex

[6] Għandhom jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun meħtieġ; jiġifieri jekk id-dewmien ta' l-azzjoni jkun ta' aktar minn sitt snin.

ikun iffaċilitat l-iskambju u r-relazzjonijiet kummerċjali fost l-importaturi u l-esportaturi. Dan jiffaċilita l-iżvilupp. Minħabba li ġejja minn analiżi preċiża ta' l-għanijiet ta' dan il-ftehim ġdid, l-għanijiet ewlenin huma ffokati fuq il-kummerċ u fuq kooperazzjoni akbar u aħjar. Konsegwentement, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jagħraf il-kompetenza fuq il-bażi ta' Artikolu 133, li hu assoċjat ma' Artikolu 300(2). Barra minn hekk, minħabba li l-ftehim preżenti, f'termini ġenerali, ikopri anke l-aspetti politiċi, amministrattivi, ekonomiċi u ambjentali tal-kafè, l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli hi ovvjament konsegwenza direttta. M'hemm l-ebda indikatur ċar li jkejjel il-kisbiet ta' dawn il-miri, sakemm ir-rieda tal-membri li jkomplu bil-kooperazzjoni internazzjonali ma tkunx ikkunsidrata bħala indikatur pożittiv u sodisfaċenti. Il-kisba tas-sostenibbiltà kif ukoll il-progress li ntlaħaq fl-iżvilupp mill-membri li jipproduċu jista' jiġi interpretat ukoll bħala indikatur pożittiv.
Il-proposta hija koerenti ma strumenti finanzjarji oħra li jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-KE f'organizzazzjonijiet internazzjonali. L-ebda sinerġija m'hi possibbli fil-fażi preżenti.

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

Fil-qafas ta' l-ABM, il-proposta preżenti għandha l-għan li twieġeb għall-għan ta' l-iżvilupp tar-rwol tal-Kummissjoni bħala punt fokali intellettwali għall-iżvilupp u li jiżgura l-parteċipazzjoni effettiva fid-dibattitu internazzjonali tal-politika. L-indikatur ewlieni tar-riżultat jista' jiġi kkunsidrat bħala l-pożizzjonijiet ta' l-UE f'inizjattivi, konvenzjonijiet, fora u pjattaformi internazzjonali maġġuri. L-indikatur ta' l-impatt jista' jiġi kkunsidrat bħala r-riflessjoni tal-pożizzjonijiet ta' l-UE fi sħubijiet u fondi internazzjonali kif ukoll fora internazzjonali multilaterali bħall-ICO. Il-proposta għandha tippermetti lill-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità, biex tesprimi x-xewqa tagħha u permezz t'hekk, tiżgura l-implimentazzjoni tal-ftehim matul il-perjodu tiegħu. Għalhekk, hemm interess tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kompetenzi tagħha stess, li tipproponi d-deċiżjoni preżenti f'konformità mar-rwol tagħha u fuq dak li ntqal meta ġie konkluż il-proċess għan-negozjati.

5.4. Metodu ta' l-implimentazzjoni (indikattiv)

Uri hawn taħt il-metodu(i)[7] magħżula għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.X

Amministrazzjoni ċentralizzata

X direttament mill-Kummissjoni

☐ indirettament pemezz ta' delega lil:

- ☐ Aġenziji eżekuttivi
- ☐ entitajiet imwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-art. 185 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ entità/entitajit pubbliċi nazzjonali b'inkarigu ta' sevizz pubbliku

☐ ***Amministrazzjoni konġunta jew deċentralizzata***

- ☐ ma' Stati Membri

[7] Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji addizzjonali fit-Taqsima "Kummenti Relevanti" ta' dan il-punt.

- ☐ ma’ pajjiżi Terzi

☐ ***Amministrazzjoni konġċunta ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti:

6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Is-Servizzi tal-Kummissjoni jattendu b'mod regolari għas-sessjonijiet tal-Kunsill kif ukoll fil-Kumitat Amministattiv/Finanzjarju ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafe. Dawn iż-żewġ entitajiet għandhom il-mandat li jipproponu u japprovaw il-baġit amministrattiv u l-kontribuzzjonijiet inerenti. Il-baġit amministrattiv, kif ser ikun utilizzat, l-istatus finanzjarju tan-nefqa u l-kontijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafe qegħdin għad-dispożizzjoni tal-membri.

6.2. Valutazzjoni

6.2.1. Valutazzjoni ex-ante

Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-proposta annwali tal-politika finanzjarja tagħna ssir għall-ftehimiet dwar prodotti bażiċi kollha fejn il-Komunità Ewropea tkun Parti Kontraenti.

*6.2.2. Miżuri li jittieħdu wara valutazzjoni intermedja/*ex post *(tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat)*

Dan l-eżerċizzju jsir, jekk ikun meħtieġ, fil-mument tan-negozjar mill-ġdid futur fi tmiem il-validità ta' l-ICA 2007. F'dan il-mument, il-proposta għal konklużjoni tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-valutazzjoni ġenerali li saret minn konsulenza esterna li ngħatat l-inkarigu li tevalwa l-ICBs differenti qabel ma jinbeda l-proċess ta' negozjar.

6.2.3. Termini u frekwenza ta' valutazzjoni futura

M'hija skedata l-ebda valutazzjoni; madankollu probabbilment se titwettaq reviżjoni f'nofs it-terminu ta' l-implimentazzjoni u l-kisbiet tal-ftehim fl-Organizzazzjoni nfisha

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ kostanti tal-ġestjoni amministrattiva tar-riżorsi finanzjarji ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafé.
Jekk ikun meħtieġ, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafé hija lesta li tagħti aċċess għar-rekords u l-kotba lill-OLAF kif ukoll lil servizzi finanzjarji u ta' verifika oħrajn meta u kif mitluba mill-Kummissjoni.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposti f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

(L-intestaturi ta' l-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati għandhom jiġu pprovduti)	Tip ta riżultat	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		TOTAL	
			Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERATTIV Nru 1[8]	Kontribuzzjonijiet għall-organizzazzjonijiet Internazzjonali għall-prodotti bażiċi		1	1,125	1	1,193	1	1,253	1	1,316	1	1,382	1	1,451	6	7,720
SPIŻA TOTALI	1		1	1,125	1	1,193	1	1,253	1	1,316	1	1,382	1	1,451	6	7,720

[8] Kif deskritt fit-Taqsima 5.3

8.2. Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Numru u tip tar-riżorsi umani

Il-ħtiġiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti fl-allokazzjoni għad-DĠ li jkun qed jamministra fil-qafas tal-proċedura ta' l-allokazzjoni annwali. L-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal huma inklużi fl-allokazzjoni normali tad-DĠ

Tipi ta' karigi		Il-persunal li għandu jiġi assenjat biex jamministraw l-azzjoni billi juża riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**numru ta' karigi /FTEs**)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew persunal temporanju[9] (XX 01 01)	A*/AD						
	B*, C*/AST						
Persunal iffinanzjat[10] mill-art. XX 01 02							
Persunal ieħor iffinanzjat[11] mill-art. XX 01 04/05							
TOTAL							

8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

L-atendenza għal-laqgħat, l-istudju ta' dokumenti, id-diskussjoni ma' Stati Membri u finalment in-negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafe

8.2.3. Sorsi ra' riżorsi umani (statutorju)

Meta jissemma aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika n-numru ta' karigi li jkun joriġinaw minn kull wieħed mis-sorsi☐ Karigi li fil-preżent huma allokati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu sostitwiti jew estiżi

☐ Karigi li kienu allokati minn qabel fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

☐ Karigi li jistgħu jiġu mitluba fil-proċedura li jmiss ta' l-APS/PDB

☐ Karigi li għandhom jerġgħu jimtlew permezz ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (assenjazzjoni mill-ġdid interna)☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena in kwistjoni

9 Spiża li MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza
10 Spiża li MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza
11 Spiża li hi inluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. Spejjeż oħra amministrattivi inklużi fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 –Spiża għall-ġestjoni amministrattiva)

m'hemmx ħtieġa

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Linja tal-baġit (numru ta' l-intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1. Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż tal-persunal relatati)							
Aġenziji eżekuttivi[12]							
Assistenza oħra teknika u amministrattiva							
- *intra muros*							
- *extra muros*							
Total ta' l-assistenza l-oħra teknika u amministrattiva	LE	ĦTIEĠA					

8.2.5. Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż amministrattivi <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza

Il-ħtiġiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti fl-allokazzjoni għad-DĠ li jkun qed jamministra fil-qafas tal-proċedura ta' l-allokazzjoni annwali. L-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal huma inklużi fl-allokazzjoni normali tad-DĠ

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali jew persunal temporanju (XX 01 01)						
Persunal iffinanzjat mill-Art XX 01 02 *(*awżiljarju, esperti nazzjonali sekondati, persunal kuntrattwali, eċċ.) (speċifika l-linji tal-baġit)						

[12] Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-Aġenzija(i) kkonċernata(i).

Spiża totali tar-Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)						

Kalkolu– ***Uffiċjali u aġenti Temporanji***

Għandha ssir referenza għall-Punti 8.2.1, jekk ikun applikabbli

Kalkolu– ***Persunal iffinanzjat taħt l-art. XX 01 02***

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk ikun applikabbli

8.2.6. Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[13]							
XX 01 02 11 04 – Studji u Konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni							
2 Nefqa oħra għall-Ġestjoni (XX 01 02 11)							
3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika inkluża r-referenza għal-linja tal-bażit)							
Total tan-nefqa Amministrattiva, ħlief dawk tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)							

[13] Speċifika t-tip ta' kumitat u grupp li jagħmel parti minnu.

Kalkolu - ***Nefqa oħra amministrattiva <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza***